MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2011

Numru 195/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**KONTRA**

**STEVE AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Steve Azzopardi ta’ 29 sena, bin Epifanio u Giorgina nee’ Cassar, mwieled Pieta’ nhar id- 9 ta’ Novembru 1981, residenti fi Flat 1, numru 260, Triq il- Vitorja, Qormi u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 113782M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar id- 19 ta’ Jannar 2011, ghall- hatba tas-12.45pm gewwa l- banka tal- lottu numru 89 Agency No. 101023, fi Triq il- Vitorja, Qormi;

1) Ikkommetta serq ta’ flus kontanti, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza u bil- mezz ghad- detriment ta’ Antonia Parascandolo u/ jew ta’ persuna/I jew ta’ entita’ u/ jew entitajiet ohra;

2) Bla ordni skond il- Ligi tal- Awtorita’ kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Antonia Parascandolo u/ jew lil persuna/I ohra kontra l- volonta’ taghhom;

3) Fil- hin li kien qieghed jaghmel delitt ta’ serq, kellu fil- pussess tieghu arma tan- n ar, arma regolari, imitazzjoni t’ arma tan- nar jew imitazzjoni t’ arma regolari;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi, ai termini tad-disposizzjonijiett al-Artikolu 392A tal-Kap 9, bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat dahal jisraq f' banka tal-Lottu Pubbliku b'imitazzjoni ta' arma, u rnexxielu jiehu s-somma ta' ghoxrin Ewro (€20). Hu nqabad ftit tal-hin wara, u mal-ewwel ammetta mal-Pulizija li kien hu li wettaq dak ir-reat. Fis-seduta ta' llum, din is-somma flus giet ritornata lura lid-derubata.

Huwa evidenti ferm li l-imputat ghandu problema ta' abbuz u dipendenza fuq id-droga, li qed twasslu jikkommetti dawn ir-reati. Madankollu jidher ukoll li l-fedina penali tieghu ma turix kundanni f' dawn l-ahhar hames snin, u ghalhekk jista' jkun hemm speranza fondata li l-imputat isegwi programm ta' riabilitazzjoni u jiehu l-ghinuna kollha mehtiega sabiex jeghleb din il-problema darba ghal dejjem. Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti hi tal-fehma li piena ta' prigunerija effettiva ma tkunx idoneja, izda jkun aktar fl-interess tal-imputat li tali piena tkun sospiza ghal zmien skond il-ligi flimkien ma' Ordni ta' Supervizjoni, sabiex dawn iservu ta' deterrent ghall-imputat biex ma jergax jikkommetti reat iehor.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 262, 263, 86 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 55 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal- Artikolu 28G tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

Tordna li l-atti ta' din il-kawza jintbaghtu lill-Avukat Generali fit-terminu skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------